MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2005

Citazzjoni Numru. 1268/2003

**Rainbow Concrete Limited - C 6763**

**vs**

**Andrew Scicluna - ID 25264 M u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2005 giet kjamata fil-kawza s-socjeta White Power Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet :

Illi 1-konvenut huwa debitur lejn is-socjetá attrici fis-somma ta' hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin lira u disghin centezmi (Lm5,384.90) liema sornma hija dovuta

bhala bilanc fuq prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut fuq ordni tieghu stess, u mhux imhallas, skond kif jidher mill-istatment hawn anness u rrunarkat Dok “A”;

Illi 1-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan id-debitu pero baqa’ inadempjenti (Dok. B);

Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-socjeta attrici, il-konvenut m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti kontra t-talba attrici ghall-hlas ta’ 1-imsemmi debitu;

Ghalhekk is-socjeta attrici tablet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex :

1. tiddeciedi 1-kawza bid-dispenza mis-smiegh a tenur ta’ 1-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. tiddikjara illi 1-konvenut huwa debitur lejn is-socjetá attrici fis-somma ta’ hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin lira u disghin centezmi (Lm5,384.90), liema somma hija dovuta bhala bi1anc fuq prezz ta’ gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut; u

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas 1is-socjetá attrici s-somma ta hamest elef u tliet mija u erbgha u tmenin Lira u disghin centezmi (Lm 5,384.90);

B1-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta1-prezentata ta’ dina c-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra 1-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata il-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :

1. llli l-eccipjent ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-eccipjent ma huwiex il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, s-socjeta attrici ghandha tipprova illi effettivament bieghet u kkonsenjat lill-konvenut il-kwantita kollha tal-materjal imsemmi fid Dok C. peress Illi dan qed jigi kkontestat;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu gie ordnat li c-citazzjoni numru 1269/03, fl-ismijiet “Sand & Gravel Limited vs Andrew Scicluna” u li kienet pendenti quddiem din il-qorti diversament presjeduta, tigi rikjamata quddiem din il-qorti kif presjeduta sabiex tinstemgha kontestwalment mal-presenti kawza;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Jannar 2005 li bih giet kjamata fil-kawza s-socjeta White Power Company Limited;

Rat li l-imsemmija socjeta kjamata fil-kawza, debitament notifikata naqset li tippresenta n-nota ta’ eccezzjonijiet taghha;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mis-socjeta attrici;

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2005 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Mill-provi prodotti t-talbiet attrici jirrizultaw sufficjentement pruvati fil-konfront tal-konvenut proprio u ghalhekk l-istess

talbiet attrici jimmeritaw li jigu akkolti dejjem ghar-rigward tal-konvenut f'ismu proprju;

Il-konvenut naqas li jipproduci provi in sostenn ta' dak li huwa ssottometta fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu. F'dawn ic-cirkostanzi l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti u konsegwentement ghandhom jigu rigettati. Ghalhekk ukoll ma jirrizultax li l-konvenut f'dan in-negozju kien qed jagixxi ghan-nom ta' terzi. B'hekk is-socjeta kjamata fil-kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tillibera s-socjeta kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, bili fit-tieni lok tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tielet lok tilqa t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut proprio u b'hekk tiddikjara illi 1-konvenut huwa debitur lejn is-socjetá attrici fis-somma ta' hamest elef, tliet mija u erbgha u tmenin lira u disghin centezmi (Lm5,384.90), liema somma hija dovuta bhala bi1anc fuq prezz ta' gebel u materjal tal-bini mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas 1is-socjetá attrici l-istess somma ta hamest elef u tliet mija u erbgha u tmenin liri u disghin centezmi (Lm 5,384.90) u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------